

Brussell, 23 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11253/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0140 (NLE)

UD 210
OCDE 8
PI 109

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat ta' Governanza Pubblika tal-OECD u l-Kunsill tal-OECD dwar l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Kummerċ Illeċitu: It-Titjib tat-Trasparenza fiż-Żoni ta' Kummerċ Fieles

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat ta' Governanza Pubblika tal-OECD u l-Kunsill tal-OECD
dwar l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Kummerċ Illeċitu:
It-Titjib tat-Trasparenza fiż-Żoni ta' Kummerċ Ħieles**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l- l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-istandards internazzjonali għall-għieda kontra l-kummerċ illeċitu huma essenzjali għal kundizzjonijiet ekwi globali u biex jitravwem il-kummerċ leġittimu. Dawn l-istandards jenħtieġ li jinkludu gwida li tgħin lill-gvernijiet u lil dawk li jfasslu l-politika fl-isforzi tagħhom biex inaqqsu u jiskoraġġixxu l-kummerċ illeċitu li jgħaddi miż-żoni ta' kummerċ ħieles, kif ukoll dak li jsir ġewwa dawn iż-żoni, bħal fl-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) dwar il-Ġlieda Kontra l-Kummerċ Illeċitu: It-Tishiġ tat-Trasparenza f'Żoni ta' Kummerċ Ħieles (l-“abbozz ta' Rakkomandazzjoni”).
- (2) Saru diskussjonijiet estensivi dwar l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni fit-Task Force tal-OECD dwar il-Ġlieda Kontra l-Kummerċ Illeċitu, korp sussidjarju tal-Forum tar-Riskju ta' Livell Għoli tal-Kumitat ta' Governanza Pubblika tal-OECD, abbażi ta' sitt snin ta' analiżi u konsultazzjoni esperta li tinkludi l-Organizzazzjoni Dinjija Doganali u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.
- (3) L-abbozz ta' Rakkomandazzjoni huwa mistenni li l-ewwel jiġi ppreżentat lill-Kumitat ta' Governanza Pubblika tal-OECD għall-approvazzjoni u mbagħad lill-Kunsill tal-OECD biex jiġi adottat.

- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat ta' Governanza Pubblika tal-OECD u fil-Kunsill tal-OECD billi l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni huwa kapaċi jinfluwenza l-analiżi tar-riskju mwettqa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ flimkien mal-qafas komuni ta' mmaniġġjar tar-riskju għall-kontroll doganali. Dan għaliex in-nuqqas ta' konformità mal-kodiċi ta' kondotta huwa indikatur tar-riskju li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jistgħu jużaw fil-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom biex jagħżlu prodotti jew operaturi ekonomiċi għall-kontroll doganali fid-dawl tal-vjeġġi li jaslu minn żoni ta' kummerċ ħieles rilevanti jew li jkunu għaddew fi tranżitu minnhom. Il-kummerċ illeċitu għandu impatti ekonomiċi, soċjali, ambjentali u saħansitra impatti politiċi negattivi wiesgħa u huwa essenzjali li l-Unjoni tappoġġa l-adozzjoni tal-abbozz ta' Rakkomandazzjoni fil-Kunsill tal-OECD.
- (5) Il-Kunsill tal-OECD huwa korp stabbilit permezz tal-Konvenzjoni dwar l-OECD. Tlieta u għoxrin Stat Membru huma pajjiżi membri tal-OECD u għandhom dritt li jivvutaw fil-Kunsill tal-OECD. L-Unjoni mhijiex membru tal-OECD u għalhekk mhijiex intitolata li tivvota meta l-atti legali jkunu qed jiġu adottati mill-Kunsill tal-OECD. Filwaqt li l-Kummissjoni tesprimi l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Governanza Pubblika tal-OECD u fil-Kunsill tal-OECD, jenħtieġ li l-Istati Membri li huma pajjiżi membri tal-OECD jużaw id-drittijiet tal-vot tagħhom biex jieħdu pożizzjoni f'isem l-Unjoni, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt, f'konformità mal-pożizzjoni tal-Unjoni.

¹ Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

- (6) Għaldaqstant il-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat ta' Governanza Pubblika tal-OECD u l-Kunsill tal-OECD jenħtieġ li jkunu ibbażati fuq l-abbozz tar-Rakkomandazzjoni meħmuż,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fiġdan il-Kumitat ta' Governanza Pubblika tal-OECD u fi ħdan il-Kunsill tal-OECD fir-rigward tat-titjib tat-trasparenza fiż-żoni ta' kummerċ ħieles għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Kummerċ Illeċitu: It-Titjib tat-Trasparenza f'Żoni ta' Kummerċ Ħieles, meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Bidliet żgħar fl-abbozz ta' Rakkomandazzjoni jistgħu jiġu miftiehma mir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat ta' Governanza Pubblika tal-OECD u fil-Kunsill tal-OECD mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 għandha tittieħed mill-Istati Membri li huma pajjiżi membri tal-OECD, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
